MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Talba Numru. 8/2003

**Kercem Ajax FC**

**vs**

**Raymond Azzopardi**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-konvenut Raymond Azzopardi ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u erbghin lira Maltin (Lm140) dovuti lilha in kwantu mija u hmistax-il lira Maltin (Lm115) dovuti bhala bilanc minn somma akbar bhala hlas ta’ tour u s-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) dovuti bhala reklam fil-ground ta’ Kercem Ajax.

Il-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta’ l-ittra ufficjali mibghuta f’Lulju 2002 u l-ispejjes ta’ din il-procedura.”

Ra r-riferta posittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat fis-7 ta' Frar 2003 izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fis-6 ta' Marzu 2003 u dik tal-lum;

Sema d-deposizzjoni guramentata ta' Raymond Borg, prodott mis- socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut ;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM140 bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez ta' din l-istanza a kariku tal-konvenut. Mhix qed tigi milqugha t-talba ghall-ispejjez tal-ittra ufficcjali msemmija fl-avviz billi ma gietx esebita kopja taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------